

32002D0598

23.7.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 194/45

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Lulju 2002

li tapprova tilqim kontra l-bruċellosi ta' l-ifrat fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE

(notifikati taħt dokument nru C(2002) 2592)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/598/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimal li jaffettwaw kummerċ intra-Komunitarju f'annimali bovini u majjali⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/2002⁽²⁾, u partikolarment it-tielet indent ta' paragrafu 4(i) fl-Anness A(II) miġjub fih,

Billi:

- (1) Regoli tal-Komunità dwar l-użu ta' tilqim kontra l-bruċellosi f'annimali tal-fart huma preskritti fid-Direttiva 64/432/KEE.
- (2) Bruċellosi ta' l-ifrat għadu jinstab f'ċerti żoni tal-Komunità. It-tilqim huwa kunsidrat bħala strument effettiv li jintuża taħt ċerti kondizzjonijiet flimkien ma' politika ta' test u qtil, partikolarment f'żoni bi trobbija estensiva ta' bhejjem ħajjin.
- (3) Tilqima li għadha kemm ġiet żviluppata toffri vantaġġi addizzjonali għal dawk li diġà huma approvati u b'mod partikolari ma tfixkilx il-proċeduri dijanjostiċi applikati fil-qafas tal-programm ta' eradikazzjoni fis-seħħ f'xi wħud mill-Istati Membri skond il-leġislazzjoni tal-Komunità.
- (4) F'ċerti każijiet bruċellosi f'annimali tal-fart hija magħquda ma' bruċellosi tan-nagħaġ u tal-mogħoż u miżuri ta' eradikazzjoni jridu jitwettqu fil-qafas ta' programmi għall-eradikazzjoni ta' bruċellosi kawżata minn *Brucella melitensis*, inkluż tilqim bit-tilqima xierqa.
- (5) Il-ħtieġijiet għal produzzjoni u rakkomandazzjonijiet għall-użu ta' tilqim tar-razza ħajja RB 51 u r-razza ħajja Rev.1 kontra bruċellosi ta' l-ifrat huwa nklużi fil-Manwal tal-Livelli Stabbiliti għal Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Office International des Epizooties, ir-4 Edizzjoni tal-2000, pubblikat f'Awissu 2001.

- (6) Huwa għalhekk xieraq li jiġi approvat, bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet, l-użu tat-tilqim tar-razza ħajja RB 51 u r-razza ħajja Rev.1 fi programmi ta' eradikazzjoni tal-bruċellosi approvati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarju⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 2001/572/KE⁽⁴⁾, sabiex jitqiesu żviluppi xjentifiċi u livelli stabbiliti internazzjonali.
- (7) Il-miżuri provduti f' din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti biex twettaq spezzjonijiet veterinarji jew zootejniċi jew kull awtorità għal liema ġiet delegata dik il-kompetenza għall-għan partikolari ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

It-tilqim li ġej kontra bruċellosi ta' l-ifrat huma hawnhekk approvati għall-immunisation ta' annimali femminili tal-fart taħt il-kondizzjonijiet dikjarati fl-Artikolu 3:

- (a) tilqima tar-razza ħajja RB 51 għal annimali b' riskju ta' infezzjoni minn *Brucella abortus*;
- (b) tilqima tar-razza ħajja Rev.1 għal annimali b' riskju ta' infezzjoni minn *Brucella melitensis*.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri li jagħmlu użu mit-tilqim approvat taħt l-Artikolu 2 għandu jiżgura li jintlaħqu l-kondizzjonijiet dikjarati f'paragrafi 2 sa 6.

2. Il-ħażna, provvista (jew forniture), distribuzzjoni u bejgħ tat-tilqim għandu jkun taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti.

⁽¹⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.

⁽²⁾ ĠU L 80, 23.03.02, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.

⁽⁴⁾ ĠU L 203, 28.07.01, p. 16.

3. It-tilqim għandu jintuża biss minn veterinarju uffiċjali jew veterinarju awtorizzat speċifikament mill-awtorità kompetenti fi ħdan programm ta' eradikazzjoni tal-bruċellosi sottomess minn Stat Membru u approvat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 24(7) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

4. L-awtorità kompetenti għandha tissottmetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra taġhrif dettaljat dwar il-programm ta' tilqim, partikolarment dwar iż-żona tat-tilqim, l-età ta' l-annimali li jridu jitlaqqmu u s-sistema tat-test użata biex jiġu identifikati annimali mlaqqma.

5. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li annimali mlaqqma mhumiex suġġetti għal kummerċ intra-Komunitarju, partikolarment billi jiġu applikati metodi addizzjonali ta' markar u reġistrazzjoni ta' annimali mlaqqma.

6. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf l-iservizzi tas-saħħa pubblika bl-użu ta' dan it-tilqim u s-sistemi dijanjostiċi u terapewtiċi użati.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Lulju 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni